**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 13 ta' Ottubru, 2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**David John Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra David John Vella ta' 37 sena bin John u Lucy xebba Buhagiar, imwieled l-Awstralja nhar 2 ta' Gunju 1976, residenti gewwa 93, Johnlu, Triq San Guzepp il-Pieta', detentur tal-karta tal-identita' 289086M talli:

Nhar l-20 t'Awwissu 2013 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs) gewwa pjazza Sant'Antnin, binja Kordin, Rahal Gdid, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBG316 tal-ghamla Diahatsu Sirion ghad-dannu ta' Geraldine Williams minn Rahal Gdid liema valur tal-hsara ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imam izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija meta tidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Geraldine Williams jew sabiex tinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena turbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-qorti ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat bi hsara volontarja billi nhar l-20 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tat-8.30p.m. gewwa r-Rahal Gdid baqa' diehel apposta bil-karozza tieghu fuq il-karozza ta' Geraldine Williams u kkawzalha hsara ta' aktar minn €116.47 izda mhux izjed minn €1,164.69.

Illi rrizulta li Geraldine Williams (parte leza) u l-imputat kellhom relazzjoni li damet madwar 17-il sena. Fit-8 ta' Awwissu 2013 w allura ftit jiem qabel l-akkadut, il-parte leza kienet temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-imputat xehed li dan it-tmiem tar-relazzjoni hadha bi kbira hafna, kien iddispjacut u kien fi stat ta' dipressjoni.

Fl-20 ta' Awwissu 2013, l-imputat mar ir-Rahal Gdid fejn toqghod il-parte leza. L-imputat xehed li huwa mar biex ikellem lill-parte leza sabiex jaraw kif se jaqsmu l-affarijiet li kellhom bejniethom u kulhadd jiehu sehemu. Meta mar fuq il-post, il-karozza tal-parte leza kienet ipparkjata quddiem id-dar taghha. L-imputat xehed li huwa mar fejn id-dar tal-parte leza u raha tittawwal minn got-tieqa. Kien vicin hafna tal-karozza tal-parte leza u qal lill-istess parte leza biex ikellimha u hija ma riditx tkellmu u ddecieda li jitlaq. L-imputat xehed li dakinhar kien hemm hafna karozzi u ma kienx qieghed ihossu psikologikament tajjeb u meta mar biex idawwar il-karozza tieghu halli jitlaq laqghat accidentalment il-karozza tal-parte leza. Filwaqt li ma jikkontestax l-incident huwa jichad li laqghat il-karozza apposta izda jsostni li dan kien minhabba l-istat ta' paniku li kien fih.

Il-parte leza fix-xhieda taghha[1] spjegat li hija rat il-karozza ta' l-imputat vicin hafna tal-karozza taghha pero' l-impatt ma ratux isehh. Billi kienet konvinta li l-imputat kien laqghat il-karozza taghha konxjament u ma kienx semplici incident marret taghmel rapport l-ghassa. Infatti hija tixhed li minn mindu kienu hassru l-imputat kien baqa' jdejjaqha.

Illi din il-qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz tagha oltre d-dubbju dettat mir-raguni. Il-versjoni li ta l-imputat fix-xhieda tieghu mhix kredibbli. Ghal din il-Qorti, huwa evidenti li l-imputat billi kien ilu ftit jiem li Geraldine Williams temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom huwa mar biex jipprova jkellimha. Meta ra li hija ma riditx tinzel biex tkellmu u ra l-karozza taghha pparkjata wettaq ir-reat li bih qieghed jigi akkuzat billi rriversja fil-karozza taghha deliberatament. Huwa gab hafna skuzi ghaliex kien hemm hafna karozzi u ghaliex dak iz-zmien kellu dipressjoni. Ghal dak li jirrigwarda l-karozzi rrizulta li ftit 'il boghod minn fejn kienet ipparkjata l-karozza tal-parte leza hemm fetha u l-imputat seta' facilment imur idawwar band'ohra. Oltre' dan, l-imputat ipproduca certifikat[2] li apparti li mhux konfermat bil-gurament huwa datat 3 ta' Frar 2014 u jiccertifika li l-imputat beda jiehu kura ghal ansjeta' sa minn Awwissu 2013 ghalkemm data specifika lanqas ma tissemma. Apparti dan kollu, l-imputat telaq minn fuq il-post minghajr ma ndenja ruhu jinforma lil Geraldine Williams li kien laqtilha l-karozza u dan ikompli jikkonferma kemm dak li sehh ma kienx semplici accident. L-imputat seta' minflok mar jaghmel rapport l-ghassa izda dan naqas li jaghmlu. Kien biss wara li l-pulizija cemplulu li huwa mar l-ghassa u hemmhekk sar konfront bejn il-karozzi tal-imputat u tal-parte leza biex isiru verifiki dwar jekk id-daqqa li kellha l-karozza tal-parte leza kinitx kompatibbli mal-hsara li kellu fuq il-karozza l-imputat.

Oltre' dan, l-imputat fl-istqarrija tieghu li huwa ta wara li kellem lill-avukat ta' fiducja tieghu f'punt minnhom jammetti li huwa laqat il-karozza apposta ghax kien mifxul u ddispjacut izda ddikjara li kien lest li jhallas l-ispejjez tal-hsara li kien ghamel.

L-imputat fix-xhieda tieghu ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-pulizija dwar il-mod kif ittiehdet l-istqarrija. Madankollu

[1] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013
[2] Dok DV1

anki hawn din il-Qorti ma tistax temmen lill-imputat ghaliex filwaqt li fl-istqarrija hemm indikat li huwa kellem lill-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma rrilaxxja l-istqarrija, waqt ix-xhieda tieghu qal li lanqas jaf kellimx avukat. Oltre' dan ikkonferma fix-xhieda li l-istqarrija inqratlu u huwa ffirma volontarjament. Punt iehor li jindika n-nuqqas ta' kredibilita' ta' l-imputat huwa li filwaqt li l-istess imputat mill-ewwel seduta fil-25 ta' Novembru 2013 iddikjara li ma kienx qieghed jikkontesta l-quantum tal-istima ezebita mill-parte leza[3] u strah fuqha, imbaghad fix-xhieda tieghu jsostni li fil-fatt il-hsara kienet ferm anqas minn dak dikjarat.

Illi kif ghadu gie appena sottolineat, l-imputat f'verbal tal-Qorti ma kkontestax il-quantum tal-hsara kagonata li tirrizulta li kienet fl-ammont ta' €1,075.84. L-istess parte leza ddikjarat li hija thallset u li s-sitwazzjoni irrangat ghal kollox u li m'ghadhiex interessata f'dawn il-proceduri.

In vista ta' tali dikjarazzjoni min-naha tal-parte leza, din il-Qorti tqis li m'hemmx lok li tordna li tinhareg obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija netta u l-fatt li hallas l-ispejjez sabiex ikopru l-hsara kagunata minnu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Magistrat Josette Demicoli

[3] Dok GW